# Il-'Cantata' Dejjem 'il quddiem

kitba ta' Raymond Agius - Arkivista

## Il-Ħsieb tal-'Cantata'

Din il-'cantanta' ġiet miktuba għall-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Banda Żejtun. Fuq lirika ta' Sunny Aquilina u mużika ta' Mro Raymond Zammit F.L.C.M. Il-kantata hija għall-Banda, Kor, Solisti u Narratur.

Meta ħamsa u sebgħin sena ilu fl-1933 il-fundaturi waqqfu l-Għaqda Banda Żejtun, għażlu li jorbtu l-Għaqda tagħna mal-isem Żejtun. Riedu li l-Għaqda tagħna tagħraf li l-ewwel għan kellu jkun il-ġid u r-risq taż-Żejtun u ż-Żwieten.

Wieħed ma' jista' jinsa qatt minn xiex għaddew il-fundaturi tal-Għaqda tagħna. Mat-twaqqif tal-Każin tal-Partit tal-Ħaddiema u l-*Labour Jazz Band*; qamu l-irwiefen kontra tiegħu speċjalment meta l-*Jazz Band* żviluppat f'banda.

Għalkemm il-fundaturi żammew sod fir-rieda tagħhom, fl-1933 kienu kostretti jbiddlu l-isem u ġiet imwaqqfa uffiċjalment l-Għaqda Banda Żejtun.

Bħalma tarbija titwieled
Tagħmel l-ewwel passi
Tgħaddi t-tfulija u titfarfar
Tiftaħ bħal blanzun fiż-żgħożija.
Tikber u timmatura
B'mod li qatt ma thares lura
Hekk twieldet u mxiet
Il-Banda Żejtun

Il-Kantata tibda b'*Overture* (mużika tal-ftuħ)

'Mma mal-warda ssib ix-xewka
Tlajja l-ħajja u nżul
Daqqa ferħ u oħra niket
U n-niżġa tibqa' ttul.
Bħal arazzi f'id imħarrġa
Minn dal-poplu taż-Żejtun
Tmur 'il bogħod għomor ta' bniedem
Din hi l-Banda Żejtun...

## Il-Mazza u l-Arpa

Il-bidu tal-*Jazz Band* għall-Banda regolari, il-ħoss tal-mazza mal-ħoss tal-mużika riedet mużika Maltija tradizzjonali, li jgħaddi għal xogħol iżjed klassiku.

Fl-1922, fiż-Żejtun kien twaqqaf l-ewwel kumitat tal-Partit tal-Ħaddiema li kien għadu kif jitwieled. Iżda dan il-kumitat waqaf jiffunzjona wara ftit żmien, imma fit-18 ta' April, 1927 reġa' twaqqaf Kumitat Proviżorju tal-Partit tal-Ħaddiema minn Nikola Attard u Mikiel Caruana.

Minn dan il-kumitat ħarġet l-imħabba għall-mużika billi kien hemm membri li kienu jdoqqu strumenti mużikali. Hekk flimkien mal-politika kien hemm element mużikali u kulturali b'saħħtu.

Fis-seduta tat-Tnejn 16 ta' April 1928, Anton Caruana għamel proposta, issekondata minn Karmenu Grima, li titwaqqaf *Jazz Band*. Billi l-voti kienu ndaqs, il-pittur Ġużeppi Maria Caruana ta l-vot tiegħu favur u hekk, fil-Każin 'Dar il-Ħaddiem' taż-Żejtun twaqqfet il-Labour Jazz Band bi ħmistax-il mużiċist.

Kien il-bidu mill-ħaddiema
It-tnissil fi ħdan partit
Mill-ħaddiema b'dehen li jmexxu
U dawk ħuthom jaħdmu bl-id.
Hekk il-mazza kienet turi
L-id imbierka tal-ħaddiem
Kemm jaqlagħha u jiekolha
B' ħafna faqar kien iż-żmien!
U l-irġiel ixxierku f'għaqda
F' dak Iż-żmien ta' taqlib kbir
Saret Jazz Band, hekk hi l-arpa
Għelm il-mużika issir.

## Ugwaljanza u Drittijiet

Hekk il-kumitat kien impenjat f'ħidma soċjali favur iż-żgħir u l-batut. Favur il-ħaddiem li kollox kien kontrieh. U l-Jazz Band li twaqqfet fi ħdanu ffjorixxiet.

Il-bidu kien iebes
Fil-qiegħ il-ħaddiem
Bla dritt u bla ħniena
Xogħol bidu u tmiem.
Ried bidla soċjali

Li tqanqal mill-qiegħ
Għax hu bla dritt mgħobbi
Wens min se jagħtih?
Ingħaqdu l-ħaddiema,
Ixxierku flimkien
Għall-ġlieda ta' jeddhom:
Kien wasal iż-żmien!
Bla flus u bla mezzi
Offrielhom każin
Il-President tagħhom
Caruana Mikiel.
U ħadmu kemm felħu
Għad-dritt tal-batut,
Kif tgħin 'l min weġġa'
U tgħin il-milqut...
U barra l-polit'ka
Fit-tmienja u għoxrin
Ingħaqdet il-Jazz Band
U mxiet 'il quddiem...

## Twelid b'Rieda Sħiħa għall-Bidla

Rieda soda kontra kull tfixkil, iżda b'sens mill-aktar ċivili b'mużika leġġera għall-mużika Swing u Blues. Mat-twaqqif tal-banda b'mużika leġġera, imma determinanti, kontrastanti u versatili.

Il-Jazz Band kisbet u saret banda sinfonika. Kull bandist għallem ieħor u n-numru ta' bandisti żdied. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1930, il-kurunettista Salvu Pace ressaq talba biex il-kumitat jaħtar Surmast Direttur tal-Banda. Ingħażel is-Surmast Onorat Gauci li kien Assistant Surmast mal-Banda Queen's Own tal-Isla li daħal għall-kariga b'ħeġġa kbira. Iżda fil-bidu tas-snin tletin, f'Malta kien hawn għawġ politku reliġjuż li laqat ħażin ferm id-Dar tal-Ħaddiema taż-Żejtun. Minħabba sanzjonijiet reliġjużi kien se jisfaxxa kollox. Iżda ż-żagħżugħ Ġużeppi Attard, li wara dam teżorier għal aktar minn erbgħin sena, ressaq mozzjoni biex l-Għaqda u l-Każin jieħdu l-isem Żejtun Banda Club. Hekk fl-1933 twaqqfet l-Għaqda Banda Żejtun. L-ewwel President kien Nikol Attard, l-ewwel Segretarju Mikiel Farrigia u l-ewwel Kaxxier Benedett Magro.

U l-Jazz Band biż-żmien saret banda
Li twaqqfet biss wara sentejn
Kien Onorat Gauci li mexxa
Kien l-ewwel Surmast fuq l-idejn.
Dan daħal għax-xogħol bl-akbar ħeġġa
U l-banda bdiet miexja 'l quddiem
'Mma s-sħab tal-maltemp ġie mill-ewwel
Biex daqqet f'tal-festa il-jiem
Kien żmien ta' taqlib, ġab il-firda
Dix-xirka intlaqtet ħażin,
Bil-banda għadha tibda 'mma b'rieda
U ntlaqat tassew il-każin.
Sar Dalli Surmast miż-Żejtun
U bħala Assistant kien hemm ibnu
Il-banda stagħniet, sod it-tmun.
Iż-żmien kien hekk aħrax u jhedded
Bil-qilla fuq ''Dar il-Ħaddiem'
Sa wasal biex dal-każin jagħlaq
U kien hemm min beża' mit-tmiem...
Hekk ġara li ċċaħdet minn darha
Dil-ġemgħa ħaddiema bla dar
'Mma dawk l-ewlenin sew ingħaqdu
u ħajja żammew b'rieda tal-azzar.

## Taħt Qillet il-Bombi

Il-qerda bil-bombi u n-niket tal-mewt, il-ħoss kiebi ta' qalb imnikkta mat-terrur tal-bombi neżlin, imma ma qatilx il-kuraġġ taż-Żwieten, b'mużika bil-ħsejjes tal-gwerra, id-diqa tat-tiġrif għall-mużika patrijotta tal-Innu Malti.

*(Mużika li tintroduċi l-qilla tal-gwerra )*

Il-melodija u l-armonija f'daqqa waħda kellhom jieqfu ħesrem meta l-Italja daħlet fil-gwerra fuq in-naħa tal-Ġermanja u kontra l-Ingilterra u l-alleati tagħha. Il-ħoss predominanti issa kien it-twerdin tal-ajruplani tal-għadu jattakkaw lil Malta u l-ħsejjes tal-kanuni, il-bombi ġabu ħerba u mwiet li l-poplu Malti qatt ma kien ġarrab qabel. Fiż-Żejtun nhar it-2 ta' Mejju 1942, sebgħa u għoxrin persuna nqatlu f'daqqa meta splodiet bomba ġermaniża fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali.

U issa l-melodija
Inbidlet f'qasir żmien
Hekk ħesrem ġiet ħruxija
Hekk kif intemm is-sliem!
Massakru ġewwa l-pjazza
Donnu kien id-destin
Fuq iz-zuntier ġiet bomba
Qatlet sebgħa u għoxrin!
"U bkejna aħna u l-qraba
Il-mewt ta' dawn in-nies

## Xtrajna Darna u Bnejna Teatru

Ix-xiri tal-Każin, il-bini tat-Teatru u d-dħul fil-purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa b'mużika li tesprimi qawwa u sodisfazzjon, flimkien mal-marċi Funebri.

Nhar it-22 ta' Jannar 1945, li kien ilu President sa mit-twaqqif tagħha fl-1933. Warajh inħatar President il-Kaptan Serafin Xuereb M.B.E. li dam President għal 30 sena sħaħ.

Hector Dalli mexxa l-Banda
Bi programmi 'il quddiem
U x'kull marċ kiteb għall-banda
President Serafin Xuereb
Laħaq war' Nikola Attard,
Kuraġġ għamel id-dar jixtri

Dan akkwist li qatt mhu tard.
Sar ftehim mal-propjetarju
Elfejn lira kien il-prezz
Xtraw ukoll il-ġnien ta' wara
Dan għall-għaqda kien il-mezz
Biex jinbnew swali spazjużi,
Għall-kunċerti cine fuq,
Bitħa nbniet il-każin kiber
U kull sold fis-sod minfuq.
Imbagħad twebblu bit-teatru,
Dana kien wara ftit snin
Hekk inbena il-Pandora
Tlesta f'nofs is-snin ħamsin.

Fil-ftuħ tat-Teatru Pandora fl-1 ta' Ottubru, 1955, saret ċerimonja u nkixef basso reliev tal-bronż tal-President Serafin Xuereb b'radd ta' ħajr għall-għajnuna kollha li kien ta lill-Għaqda biex laħqet l-għanijiet tagħha.

Il-Banda Żejtun esegwiet Kunċert Vokali u Strumentali tal-okkażjoni taħt id-direzzjoni tas-Surmast Edgar Lowell li dam Surmast mill-1952 sal-1976.

## Snin ta' Bidla – Iż-Żgħażagħ tas-Snin Sebgħin

Mas-snin ta' tiġdid u fehmiet aktar żagħżugħa b'mużika aktar komtemporanja u mexxejja. Il-President Serafin Xuereb miet fl-10 ta' Ottubru, 1976 u warajh inħatar Karmenu Grima kien il-moħħ wara l-Iżvilupp tal-każin u tal-Banda Żejtun. Kien meqjus bħala missier l-Għaqda. Iżda Karmenu Grima dam President sena biss għax miet fid-19 ta' Novembru, 1977.

Ħafna mill-membri u bandisti ewlenin issa kienu kibru jew ħallewna u bdiet ġenerazzjoni ġdida fosthom il-President Joe Attard li nħatar f'Marzu, 1978 sab appoġġ ta' kumitati u membri ħabrieka u flimkien għamlu kisbiet kbar.

Is-Surmast Edgar Lowell marad u fl-10 ta' Ottubru, 1976 laħaq floku s-Surmast Pawlu Buttiġieġ li dam sentejn biss billi f'Settembru 1978 laħaq Surmast Joseph M. Barbara.

Hekk bdew jidhru uċuħ ġodda
Fil-każin rajna demm ġdid
L-esperjenza u ż-żgħażagħ
Fl-Għaqda nħass mewġ t' t'ġdid.
Bil-pariri tal-anzjani
Joe Attard il-President
Mat-tħejjija u ħeġġa tiegħu
Beda jqanqal moviment.
Sar każin ewlieni fil-qalba
Dejjem b'ħidma mill-aħjar
Ma beżax minn sfidi ġodda
Wera rieda tal-azzar.

Il-kumitat ħaseb biex jerġa' jibda jieħu sehem fil-Karnival.

Ta' kull sena dejjem lesti
B'marċijiet, kostumi, lwien,
Ferħ u briju u allegrija
Karnival, tal-bluha l-jiem...
Suċċess kbir għall-Banda nkiseb
U fil-Belt xi briju jsir!
Dawk l-ilwien, suriet grotteski
Banda l'għamlet suċċess kbir!
L-ewwel tlieta u għoxrin darba
Dan minn ħamsa u għoxrin
Rekord kbir, bil-mod jinkiser
Tieħu l-ewwel daqstant snin!

## Ġublew tad-Deheb u Plančier Artistiku

Mal-Ġublew tad-Deheb u l-planċier artistiku ġdid b'mużika klassika li tixraq lil din l-opra, mal-festa fis-sajf b'mużika semi-klassika u patrijotta. Mal-Ġublew Djamantin b'mużika komtemporanja għall-mużika dominanti u maestuża.

U bħal bniedem illi jikber.
Jagħraf jimxi 'il quddiem
L-Għaqda kibret, in-nies kotrot
L-Għaqda daqet żmien ta' sliem!
Dan f'għeluq il-ħamsin sena
Kien fit-tlieta u tmenin
Saru festi ta' tifkira
U sebbaħna l-każin
B'suċċess kbir il-festi saru
Sar tibdil kbir fil-każin
Inxtraw qniepen, programm tajjeb
Sar għall-membri u mistednin.

Sentejn wara l-Ġublew tad-deheb, jiġifieri fl-1985, il-Banda Żejtun żanżnet il-planċier artistiku f'għamla fit-tond, xogħol ta' preġju artistiku kbir. Id-disinn kien ta' Emanuel Caruana mgħallem prim fis-sengħa tal-injam. Sar ħafna xogħol volontarju minn ħafna nies u d-disinji tat-tiżjin bl-iskultura saru mill-artist Żejtuni Touissant Busuttil.

Hekk bħal ħolma bdiet l-idea
Lil Caruana f'moħħu ġiet
Illi jsir planċier mill-aqwa
Sar disinn, il-ħolma bdiet
Mid-disinn għal xogħol bla heda
Fil-każin il-ħidma bdiet
Fuq ħadid, injam, skultura,

Xogħol bla ħlas, il-ħidma mxiet.
Bit-tiżjin u bl-iskultura
Xogħol tas-sengħa kellu jkun
Dawra tond u fil-faċċata
Fin-nofs l-arma taż-Żejtun

Fl-1986 il-Banda Żejtun kisbet l-akbar unur li tista' tikseb banda meta taħt id-direzzjoni tal-istess Surmast John J. Pace rebħet il-konkors Nazzjonali għall-Baned Maltin. Fl-istess sena nxtara l-ġnien wara t-teatru għas-somma ta' Lm6,000.

Il-konkors Tal-Baned wasal,
War' kunċerti, b'rieda sħiħa,
Il-programm daqqet hekk tajjeb
Dil-banda ħarget rebbieħa.
Kien trijonf għall-Għaqda tagħna
Kollox sar kif kellu jkun
Unur kbir f'dal-konkors rebħet
Il-kbira Banda taż-Żejtun.

## Il-Festa fis-Sajf

Il-festa fix-xitwa kienet issir dejjem b'taqtiegħ il-qalb minħabba fil-maltemp. Fl-1987 il-Kumitat iddeċida li l-Banda ma tieħux sehem fil-festa sakemm tibqa' ssir fix-xitwa. Iżda Għaqdiet oħra ma kinux tal-istess fehma. Minkejja kollox l-Għaqda Banda Żejtun baqgħet tinsisti.

Wara korrispondenza, laqgħat u ħidma fit-tul u b'għaqal kbir, fl-aħħar ħareġ id-digriet li ħabbar it-trasferiment tal-festa nhar l-14 ta' April 1989. L-ewwel festa fis-sajf saret nhar is-17 ta' Ġunju 1990.

Saret laqgħa ġewwa l-kurja
U l-fehma kienet lesta,
Kien bi qbil bejn iż-żewġ baned
It-trasferiment tal-festa.
Imma ħadet żmien dit-talba,
Fl-aħħar ħarġet id-digriet
Trasferita għas-sajf il-festa
Kif il-poplu, il-każin ried.

War' tbatija u anke ċaħda
Issa l-festa f'Ġunju ssir.
U l-festa tassew kibret
Issa l-festa f'Ġunju ssir.

Sena speċjali kienet is-sena 2005 meta ġie ċċelebrat bil-kbir l-1700.

Nhar l-10 ta' Ġunju 2005 saret akkademja Mużikali fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali taż-Żejtun, fejn indaqq għall-ewwel darba l-Oratorju 'Il-Mara li laqtitna lkoll' fuq Lirika Peter Miceli Saydon, mużika Mro Raymond Zammit FLCM u li dderiġieh fil-knisja s-Surmast John J. Pace.

Għadu f'moħħna l-Oratorju
Kienet paġna oħra għalina
B' ħajr lil Alla u lil Patruna
Martri Santa Katarina.

## Dejjem 'il Quddiem

Hekk wasalna għal żminijietna, b'kumitat ħabrieki b'diversi sezzjonijiet fosthom Kummissjoni Banda, Sezzjoni Nisa, Sezzjoni Żgħażagħ u sostenituri, kollhom ħeġġa u għaddejjin bla heda kif tixhed il-ħajja u l-ħidma kbira fil-każin. Illum insellmu lil kulħadd.

## Fil-Ġublew Djamantin

Hekk f'dil-ġrajja ej nifirħu
Għandna nkunu lkoll kburin
B'din il-Banda Żejtunija
Fil-Ġublew, ħamsa u sebgħin.
Ej ilkoll ngħollu leħinna
Hekk kburin flimkien fis-sliem
Hekk il-motto li jħeġġigna
Nimxu 'Dejjem 'il Quddiem'
Kienu ħamsa u sebgħin rebħa
Għal kull sena: dan mhux tmiem,
Taż-Żejtun Banda ibqa' ħajja
Imxi 'Dejjem 'il Quddiem'

---

# Waqt il-jiem tal-festa, nġibu ruħna tajjeb b'mod li jintgħoġob lill-qaddisa Patruna tagħna

# Santa Katarina V.M.